MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 217/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Mallia)**
**Vs**
**Paul Michael Kavanagh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. fl-14 ta’ Marzu 2005 fir Triq Burgi, Swieqi, kkommetta serq ta’ oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ elf lira Maltin minn ġol-fond Casandra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-lok u li sar għad-dannu ta’ Ethelbert u Maria Zammit;
2. fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Ġunju 2004 fi Triq Mattew Pulis Gżira kkommetta serq ta’ oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitt Lira Maltija iżda anqas minn elf lira Maltija minn ġo vettura tal-għamla

Peugeot 106 bin-numru tar-reġistrazzjoni JAZ 305 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. fl-istess dati u ċirksotanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejejġ misrqua, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħ jew imexxi liema oġġetti ġejjin minn reati ta' serq ikkwalifikati bil-valur;

4. talli kkommetta reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija fiż-żmien operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar 2003;

5. U finalment talli sar reċediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 262(b), 261(e), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap. 9, l-artikolu 325 tal-Kap. 9, l-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9, 334(a) tal-Kap. 9, 48, 50 u 289 tal-Kap. 9, 28A sa 28H tal-Kap. 9, 17, 23, 31 u 533 tal-kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' w il-hames imputazzjoni w ma haditx konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghal sentenza komplessiva ta' prigunerija ta' sitt snin u nofs li tinkludi fiha sentejn prigunerija li qabel kienu sospizi ghal erba' snin. Minn dan il-perjodu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant ghadda taht arrest preventiv. Ai fini tal-artikolu 533, il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006, izda kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-espert Ivan Portelli mitlub mill-appellant stess, liema spejjez jammontaw ghal €387.75. L-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar. Jekk jibqghu ma jithallsux, dawn ghandhom jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija dwar dik il-parti tas-serq mill-karozza ammess mill-appellant, u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata w tiddikjara lil-appellant mhux hati tar-rimanenti imputazzjoni kontra tieghu migjuba jew alternattivament tvarja l-istess sentenza in kwantu jikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-elementi neccessarji sabiex tissusisti l-akkuza kif dedotta dwar is-serqa mill-fond Casandra, Triq Burgi, Swiegi High Ridge, ma rrizultax fil-gbir tal-provi, stante li ma ngabet l-ebda prova li dan l-uniku oggett li fuqu nstabet l-impronta digitali wahda tal-akkuzat, qatt ma kien f'post fejn seta' kien hemm l-appellant;
2. Illi l-Qorti sabet htija fuq serq ta' flus aggravat bil-valur fuq provi inaccettabbli fil-Qrati taghna, dawk tal-"hearsay";
3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti l-piena nflitta hija eccessiva fic-cirkostanzi partikoli tal-kaz.

Ikkunsidrat :

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu trid tiddisponi minn eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Avukat Generali permezz tal-verbal tal-11 ta' Jannar, 2010, fejn ecceppiet in-nullita' tar-rikors tal-appell peress illi t-talba mhihix cara ghal dak li jirrigwarda r-revoka tal-ewwel sentenza w safejn din hija affettwata bit-talba tal-istess revoka.

Rat ukoll in-nota tal-istess Avukat Generali fejn spjega din l-eccezzjoni f'aktar dettal kif ukoll ir-risposta tal-appellant.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami akkurat tan-nota tal-Avukat Generali kif ukoll mit-trattazzjoni tieghu, l-Qorti tasal ghall-istess konkluzzjoni illi wasal ghaliha l-appellant u cioe' illi ma giex indikat id-difett illi minnu qieghed jilmenta l-Avukat Generali hlief forsi l-uzu differenti fil-kelma "tannulla" jew "tirrevoka", kif ukoll interposizzjoni bejn it-"thassir" jew "bdil".

Il-Qorti rat illi fin-nota tieghu l-Avukat Generali ghamel esposizzjoni tajba hafna tal-gurisprudenza w l-argumenti illi jirrigwardaw l-uzu preciz tal-Art. 419(1) tal-Kap. 9. Fuq dan il-Qorti ma tistax ticensura, pero' minn naha l-ohra l-konkluzzjoni tar-rikors tal-appell ukoll fih talbiet cari u li ma hallu l-ebda dubju f'mohh il-Qorti x'qed jitlob l-appellant u zgur illi m'hemmx ghalfejn tkompli tfittex fil-bqija tar-rikors biex tara ezattament x'qed jitlob , peress illi dana jirrizulta ampjament fil-parti konkluzzjonali. Vera illi ntuzaw il-kliem "tirriforma" flok "tibdel" u "tirrevoka" flok "tannulla" pero' b'daqshekk dawn il-kliem ifissru l-istess u ma taghmilx differenza.

Ghal dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Galea" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1995.

F'din is-sentenza l-Qorti osservat "li ghalkemm certa sentenzi donnhom jaghtu x'wiehed jifhem li l-Qorti kienet qed tesigi l-uzu tal-kliem precizi uzati fl-artikolu 419(1)(c), hi kienet tal-fehma li l-aktar esposizzjoni cara ta' x'inhu effettivament rikjest mill-ligi sabiex jigi sodisfatt il-vot rigwardanti t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza appellata giet enuncjata fis-sentenza"Henriette Mifsud Bonnici vs Maurice Mifsud Bonnici (Kolleg. XXXV part IV page 747).

F'din is-sentenza l-Qorti Kriminali spjegat li mhux necessarju illi jigu uzati ezattament il-kliem "thassir" jew "tibdil" fit-talba tar-rikors, u hu sufficjenti jekk jigu uzati kliem "tirrevoka" jew "tannulla" li jfissru l-istess bhal

"thassar" jew "tahsir". Infatti fil-prassi ta' din il-Qorti l-kliem "thassar", "tirrevoka" w "tannulla" huma uzati b'mod indiskriminat proprju ghax ifissru bazikament l-istess haga. Hekk ukoll il-kliem "tvarja", "tbiddel" u "tirriforma".

Mhux l-istess pero' meta tintalab revoka meta suppost kellha tintalab varjazzjoni fl-liema kaz allura ma jkunx gie osservat id-dispost tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Art. 419(1) b'mod li dan igib in-nullita' tar-rikors ta' l-appell, ghax il-kawza ma tkunx tpoggiet fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe' mal-presentata tal-istess rikors. "Il-paragrafi (a) (b) (c) tas-sub artikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdi ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja w sia jekk isiru mill-Avukat Generali, jkunu jistghu jinstemghu bi speditezza ......" ("Richard sive Rachela Spiteri vs l-Avukat Generali" Qorti Kostituzzjonali 9 ta' Marzu 2010). Dan mhuiex il-kaz fir-rikors taht ezami.

Din il-Qorti ssib illi t-talbiet huma specifikati w konkreti w ma hemm xejn vagg jew indeterminat li jrendi necessarja t-tfittxija sabiex il-Qorti tistabilixxi l-motiv tal-appell. Dan huwa car bizzejjed sabiex il-Qorti tiddetermina l-kwistjoni minghajr ricerka zzejjed fil-kumplament tar-rikors.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali tisthoq illi tkun michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali mqajjma bil-verbal tal-11 ta' Jannar, 2010 u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------